# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 175/2019 GM**

**Clive Dimech**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fl-20 ta' Settembru 2019 fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla ir-rikorrent ilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq minħabba l-użu ta' stqarrija li ta lill-pulizija, kif ukoll ta' stqarrijiet li ngħataw minn żewġ persuni oħra li huma xhieda tal-prosekuzzjoni fil-kawża kriminali **r-Repubblika ta' Malta v. Clive Dimech** (att tal-akkuża numru: 12/2017). Għaldaqstant, talab lill-ewwel Qorti sabiex:-

*"1. Tiddikjara illi minħabba l-fatt illi, l-esponent ma kellux l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"*.

2. Fl-1 ta' Ottubru 2019 l-Avukat Ġenerali ppreżenta tweġiba u fiha ta r-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tkun miċħuda, fosthom li l-azzjoni hi intempestiva. Spjega li għalkemm kien preżentat l-att ta' akkuża kontra r-rikorrent, il-ġuri kien għadu m'huwiex appuntat għas-smigħ *"2...... bil-konsegwenza li f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati in vacuo.... Bħala regola, sabiex ikun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sutstanza u fl-apparenza......"*.

3. B'sentenza tal-14 ta' Lulju 2020 l-ewwel Qorti laqgħet dik l-eċċezzjoni u mmotivat id-deċiżjoni u rraġunat:-

*"Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari . F'dan il-każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan l-istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li element proċedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l-korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel . Imma f'dan il-każ il-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-*

*rikorrent ġie avżat, skont id- disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l- interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegħ xieraq. Ma ressaq l- ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu".*

4. B'rikors preżentat fit-28 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent appella mis-sentenza bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra l-meritu u tiddeċiedi li l-assenza ta' avukat sabiex jassisti lir-rikorrent waqt l-interrogazzjoni li saret mill-pulizija, kienet tikkostitwixxi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent isostni li l-istqarrija hi inammissibbli għaliex ma kienx assistit minn avukat. L-istess jgħid li japplika fir-rigward tal-istqarrijiet tax-xhieda Justin Zahra u Wayne Pisani.

5. Fl-4 ta' Awwissu 2020 l-Avukat Ġenerali ppreżenta tweġiba u fiha ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Fatti.</u>**

6. Il-fatti prinċipali huma:-

6.1 Fl-14 ta' Novembru 2009 il-pulizija interrogat lil ċertu Justin Zahra, li ma ffirmax. Fid-9 ta' Diċembru 2009 il-pulizija reġgħet interrogat lil Zahra. Din id-darba iffirma l-istqarrija u dakinhar stess

xehed quddiem Maġistrat. Fid-9 ta' Mejju 2014 Justin Zahra għamel stqarrija ġuramentata oħra quddiem Maġistrat oħra. Sar l-istess fil-konfront ta' ċertu Wayne Pisani wkoll, li huma ko-akkużati fi proċeduri kriminali separati.

6.2 Fis-7 ta' Mejju 2014 il-pulizija interrogaw lir-rikorrent. Huwa ġie mwissi mill-ispettur li ma kellux obbligu li jwieġeb għad-domandi li ser isirulu u dak li kien ser igħid seta' jinġieb bi prova. Għal kull domanda li saritlu qal ***'ma nweġibx'***. Ir-rikorrent għażel li ma jiffirmax l-istqarrija.

6.3 Fit-8 ta' Mejju 2014 ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bl-imputazzjonijiet ikunu li pproduċa, bigħ jew ittraffika l-pjanta cannabis, forna u pprokura jew offra li jforni d-droga kokajina; talli ttraffika, bigħ, qassam jew offra li jittraffika, ibigħ jew iqassam mediċina psikotropika; u kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis u l-kokajina.

6.4 Fl-4 ta' Ottubru 2017 inħareġ l-att ta' akkuża kontra r-rikorrent (numru 12/2017). Il-kapi tal-akkuża huma kollha relatati ma' traffikar u pussess ta' droga jew sustanzi oħra illeċiti.

6.5 Fl-20 ta' Settembru 2019 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża kostituzzjonali in eżami u ilmenta minn ksur ta' smigħ xieraq minħabba li waqt l-interrogazzjoni tiegħu, ta' Wayne Pisani u Justin Zahra ma kinux assistiti minn avukat.

6.6 Fl-14 ta' Lulju 2020 l-ewwel Qorti tat sentenza li biha ddikjarat li l-kawża saret b'mod intempestiv u għalhekk ċaħdet it-talba tar-rikorrent, *"..... b'riżerva għal kull dritt li jista' jkollu li jerġa' jressaq l-ilmenti tiegħu mill-ġdid fil-waqt opportun"*.

6.7 Bħalissa l-proċeduri kriminali huma weqfin jistennew l-eżitu ta' din il-kawża.

**Konsiderazzjoni.**

7. Fil-parti l-kbira tiegħu r-rikors tal-appell mhu xejn għajr *cut and paste* ta' rikorsi ta' appelli oħra li saru mill-istess avukati f'każijiet ta' akkużati oħra, li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-każ, li kienu interrogati mill-pulizija fl-assenza ta' avukat. Rikors li tista' tgħid fir-rigward tal-istqarrija tar-rikorrenti, jikkonsisti biss f'referenza għall-ġurisprudenza.

8. Fiż-żmien rilevanti l-liġi ordinarja ma kinitx tagħti jedd lis-suspettat li jkun assistit minn avukat waqt interrogazzjoni.

9. Ir-rikorrent qiegħed jargumenta li mhemmx bżonn li jistenna sakemm jinqata' l-ġuri li għad irid isir, sabiex qorti tiddikjara li seħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

10. Ir-rikors tal-appell ma fihx referenza għall-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' din il-Qorti. Hu stabbilit li l-fatt waħdu li avukat ma jkunx preżenti waqt interrogazzjoni ta' persuna suspettata li wettqet reat u li ssir mill-pulizija, ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Graziella Attard v. Avukat Ġenerali** tas-27 ta' Settembru 2019, din il-Qorti wara li għamlet referenza ampja għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta' **Beuze v. il-Belġju** (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018, qalet:-

> *"9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Ġenerali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u* ***illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq <u>trid tqis il-proċess kollu</u>, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l-proċess kollu****".*

11. Wara s-sentenza tal-QEDB (Grand Chamber) tad-9 ta' Novembru 2018 fil-kawża **Beuze vs il-Belġju** hu issa ċar li sabiex jiġi determinat

jekk in-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, ħu meħtieġ li qorti tikkunsidra l-proċess kriminali sat-tmiem tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza l-iktar riċenti tal-QEDB, **Stephens v. Malta** (35989/14) tal-14 ta' Ottubru 2020. Kawża li wkoll kienet tittratta dwar stqarrijiet li saru, wkoll quddiem Maġistrat. Il-Qorti qalet:

> *"64 ....... **The question which must be answered is whether <u>the proceedings as a whole</u>, including the way in which the evidence was obtained, were fair**. This involves an examination of the unlawfulness in question and, where the violation of another Convention right is concerned, the nature of the violation found (see Khan v. the United Kingdom, no. <u>35394/97</u>, § 34, ECHR 2000-V; Jalloh, cited above, § 95; Bykov v. Russia [GC], no. <u>4378/02</u>, § 89, 10 March 2009; and López Ribalda and Others v. Spain, nos. <u>1874/13</u> and <u>8567/13</u>, § 83, 9 January 2018)*
>
> *"65. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must nevertheless be had to whether the rights of the defence were respected. It must be examined in particular **whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use**. In addition, the **quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy.***
>
> ***.......***
>
> *"70. However, the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 ..... **The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings** (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. <u>71409/10</u>, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein).*
>
> *"71. In doing so the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements*

*of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1. Those minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 – such as for example, the right of everyone "charged with a criminal offence" to be effectively defended by a lawyer, which is one of the fundamental features of a fair trial – are, nevertheless, not ends in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole (ibid. §§ 122-123)".*

12. Kif rajna l-ġuri għad irid isir u ovvjament mhux magħruf x'ser ikun l-eżitu u xi provi ser ikun hemm dwar l-istqarrija li saret mir-rikorrent. Sa dan l-istadju lanqas mhemm xi prova li waqt dik l-istqarrija kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'kull każ l-istqarrija tar-rikorrent tas-7 ta' Mejju 2014 ma fiha l-ebda prova kontrih ġialadarba, kif kellu dritt, għażel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet kollha li sarulu. Għalhekk żgur li l-ġuri li għad irid isir m'huwiex ser ikun bażat fuq dak li qal fl-istqarrija għaliex kull ma qal kien, *'ma nweġibx'*. Għaldaqstant, dik l-istqarrija mhi ser tkun ta ebda preġudizzju għall-każ tar-rikorrent. Madankollu kif diġa` sar f'każijiet simili għal dak in eżami din il-Qorti hi tal-fehma li waqt il-proċeduri kriminali ma jsirx użu mill-imsemmija stqarrija (ara f'dan is-sens sentenzi ta' din il-Qorti, **Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et** tal-5 ta' Ottubru 2018 u **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018).

13. Għal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet li saru minn Zahra u Pisani li kienu interrogati mill-pulizija u għamlu wkoll stqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat, sal-lum m'hemm l-ebda prova li turi li l-istqarrijiet

kienu ttieħdu bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew aġir ieħor li wassalhom sabiex jagħmlu l-istqarrijiet kontra r-rieda tagħhom. Hu minnu li dawk l-istqarrijiet li Zahra u Pisani taw lill-pulizija ma sarux fil-preżenza ta' avukat ta' fiduċja tagħhom. Pero` huma stqarrijiet li ma ttieħdux kontra l-liġi ordinarja li kienet tapplika fiż-żmien li saru. Inoltre kif diġa' intqal, ċirkostanza simili ma tfissirx awtomatikament li dawk l-istqarrijiet ser iwasslu għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Dan apparti li jirriżulta li kull darba ingħataw it-twissija mill-uffiċjal tal-pulizija li kien qiegħed jinvestiga l-każ, li kellhom kull dritt li ma jwieġbux għad-domandi u dak kollu li jgħidu jista' jitressaq bħala prova.

14. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent għamel referenza għall-artikolu 30A tal-Kap. 101 u argumenta li jidderoga mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Dik id-disposizzjoni tipprovdi:-

> *"30A. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza,* ***kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza****, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi"*.

15. Ir-rikorrent argumenta li l-istqarrijiet li Zahra u Pisani taw lill-pulizija, m'humiex ammissibbli bħala prova. Madankollu, dik hi materja li semmai trid tiġi trattata u deċiża fil-kawża kriminali in kwantu hi l-Qorti tal-Kriminali li għandha tagħti interpretazzjoni u tapplika l-liġi ordinarja. Dan apparti li

fil-każ in eżami, Zahra u Pisani għamlu stqarrijiet ġuramentati quddiem Maġistrat. Fatt li evidentement ir-rikorrent m'huwiex jikkunsidra. Stqarrija li taw waqt li kontrihom kien hemm diġa` proċeduri kriminali, u li fihom ikkonfermaw li kienu ħadu parir mingħand avukat qabel għamlu l-istqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat.

16. Ir-rikorrent semma wkoll li Zahra u Pisani stess kienu ilmentaw dwar l-istqarrijiet li taw. F'dan ir-rigward semma n-nota preżentata fit-28 ta' Ġunju 2012 fl-atti tal-akkuża numru 14/2012 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Justin Zahra omissis***. Pero` semmai dik kienet sempliċi eċċezzjoni f'kawża kriminali oħra, fejn ovvjament huma akkużati. L-oġġezzjoni kienet evidentement għal dak li kien qiegħed jiġri fil-proċeduri kriminali li hemm pendenti kontrihom. Dan apparti li l-fatt li ngħatat eċċezzjoni f'dak is-sens ma jfissirx li għandhom raġun.

17. Hu wkoll minnu li r-rikorrent ma kienx preżenti waqt l-istqarrijiet li taw l-imsemmija tnejn min-nies. Pero` wieħed irid jiftakar li ingħataw bħala parti mill-investigazzjoni tal-pulizija. Fid-deċiżjoni **Camilleri v. Malta (51760/99) tas-16 ta' Marzu 2000**, il-QEDB stess qalet:

> *"The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use in evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraphs 3(d) and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule,* ***these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him or her either when that witness is making a***

> ***statement <u>or at a later stage of the proceedings</u>*** *(see the Saïdi v. France judgment of 20 September 1993, Series A no. 261-C, p. 56, § 43; the Van Mechelen and Others v. the Netherlands judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions1997-III, p. 711, § 51).*
>
> *"With these principles in mind the Court notes that the applicant was able to call G.F. at his trial before the Court of Magistrates and to cross-examine him as to the reasons which led him to make the incriminating statement. In the Court's opinion the opportunity allowed to the applicant to undermine the probative value of that statement more than compensated for any alleged disadvantage which may have resulted from the fact that the statement was made in circumstances in which he was unable to challenge its veracity. It cannot be maintained therefore that the rights of the defence were not secured at the trial".*

18. Ovvjament il-ġuri għad irid isir u ċertament li hu prematur li jingħad li r-rikorrent mhux ser igawdi mill-opportunitajiet fuq imsemmija.

19. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-ilment tar-rikorrent dwar l-istqarrijiet ta' Zahra u Pisani huma wkoll mingħajr bażi.

20. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravju li jitratta dwar ir-rimedju li r-rikorrent għandu jingħata minħabba l-allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dak l-aggravju hu fieragħ ġialadarba l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent. B'dan li għal kull buon fini tosserva li jkun floku li fil-proċeduri kriminali ir-Repubblika ta' Malta v. Clive Dimech (att ta' akkuża numru 12/2017) ma jsirx użu mill-istqarrija bħala prova.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jieħu ħsieb li kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Qorti Kriminali li quddiemha ser isir il-ġuri sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess u tiffissa d-data għas-smigħ tal-ġuri.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr